MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' April, 2004

Talba Numru. 1908/2003

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Miriam Grima**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ Lm235.91c (mitejn u hamsa u tletin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 36656 in rigward ghal servizzi lilha rezi u dana fix-xhur bejn Settembru 2002 u Jannar 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tat-30 ta’ Gunju 2003, dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------